# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 5**

**Citazzjoni numru 1060/00 SM**

**C. Cauchi & Sons Construction Limited (C 23946)**

**v.**

**Tonio u Desiree konjugi Caruana**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa appell mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Marzu 2013 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

> "Rat ic-citazzjoni fl-ismijiet fuq indikatata datata d-29 ta' Mejju, 2000, li permezz taghha s-socjeta` attrici esponiet sintetikament is-segwenti:
>
> 1. "Illi s-socjeta` attrici giet kommissjonata mill-konvenuti fuq indikati biex tezegwixxi xoghlijiet ta' kostruzzjoni, tibjid u tikhil, fil-fond

proprjeta` tal-istess konvenuti, li ghalihom hi ntitolata tircievi somma bilancjali ta' elf sitt mija u ghoxrin Lira Maltin, (LM1,620.00);

2. "Illi ghalkemm interpellati anke ufficcjalment biex ihallsu l-ammont minnhom dovut, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

3. "Illi konsegwentement l-istess socjeta` attrici talbet lil din il-qorti biex:

i. "Tiddeciedi t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *a tenur* tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. "Tikkundanna lill-konvenuti fuq indikati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, sitt mija u ghoxrin Lira Maltin, (LM1,620.00), dovuta ghax-xoghlijiet appaltati kif fuq indikat;

iii. "Bl-ispejjez, komprizi tal-ittra ufficcjali tat-3 t'April, 2000, u bl-imghaxijiet dovuti;

"Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta datat is-26 ta' Gunju, 2000, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata akkordat ghoxrin (20) jum min dakinhar biex il-konvenuti jipprezentaw in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom, (ara fol 12);

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata wkoll is-26 ta' Gunju, 2000, li permezz taghha sintetikament wiegbu bil-mod segwenti:

1. "Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante:

i. "Illi x-xoghol t'appalt in dizamina ma sarx skont is-sengha u l-arti kif jirrizulta minn rapport peritali anness, (ara fol 15);

ii. "Illi l-ammont bilancjali dovut mill-konvenuti jammonta ghal mitejn Lira Maltin, (LM200.00), u mhux dak rikjest fic-citazzjoni;

2. "Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

"Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-12 ta' Dicembru, 2000, li permezz tieghu hatret lill-perit tekniku Joseph Jaccarini biex jirrelata fir-rigward, (ara fol 17);

"Rat ir-relazzjoni datata l-25 ta' Novembru, 2009, (ara fol 44), li wara li ta spjezazzjoni qasira ghad-dewmien u wara li sema' x-xhieda, ikkonkluda sintetikament is-segwenti:

1. "Illi jirrizulta li bejn il-kontendenti kien hemm ftehim fuq is-somma dovuta mill-konvenuti lis-socjeta` attrici ghax-xoghlijiet ta' kisi;

2. “Illi fuq ix-xoghol ta’ l-irqajja, applikazzjoni tal-*primer*, u fuq iz-zebgha, jirrizulta li s-socjeta` attrici ma tat l-ebda stima kif ghamlet ghal kisi;

3. “Illi s-socjeta` attrici ma tatx stampa cara tal-kont minnha pprezentat fic-citazzjoni promotrici, (ara fol 5);

4. “Illi skont il-perit tekniku in dizamina s-socjeta` attrici ghad ghandha tiehu s-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u tlieta u disghin Ewro u hamsin centezmu, (€3,493.50), bhala somma bilancjali, u dan wara li gew ikkonsidrati:

i. “Id-difetti lamentati mill-konvenuti;

ii. “Zieda ta’ ammont ikkolkolat a bazi ta’ xhieda migbura mill-istess perit tekniku nominat;

iii. “Il-materjal imsemmi fil-kont tas-socjeta` attrici moghti lill-konvenuti kif spjegat fl-istess konkluzjoni peritali *de quo*, (ara fol 67);

iv. “Illi l-ammont dovut ghat-taxxa fil-valur mizjud bir-rata ta’ 18%, wkoll hu nkluz fl-ammont fil-paragrafu numru 4 aktar qabel fil-konsiderazzjonijiet tal-istess relazzjoni peritali hawn sintetikament elenkati;

“Rat in-nota tal-konenuti datata t-30 ta’ Novembru, 2009, li permezz taghha talbu l-hatra ta’ periti addizzjonali *ai termini* tal-artikolu 674 tal-Kap 12 fuq gia` ndikat, (ara fol 130);

“Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat id-9 ta’ Marzu, 2010, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-konvenuti u hatret lill-periti hemm indikati bhala periti addizzjonali, (ara fol 131);

“Rat ir-rikors tal-konvenuti datat l-10 ta’ Marzu, 2010, li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm elenkati talbu s-sospensjoni tal-inkarigu tal-periti addizzjonali minnhom precedentement mitlub biex l-abbli rapprezentant legali tal-istess konvenuti jezamina l-inkartament tal-kawza biex jara effettivament jekk il-periti addizzjonali humiex verament mehtiega, (ara fol 133);

“Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici datata t-30 ta’ Marzu, 2010, li permezz taghha rrimettew ruhhom ghal kull decizjoni tal-qorti;

“Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-5 t’April, 2010, fejn issospendiet l-inkarigu precedenti tal-periti addizzjonali u kkoncediet il-perjodu hemm indikat biex il-konvenuti jghazlu l-pozizzjoni taghhom fir-rigward, (ara fol 136);

"Rat in-nota tal-konvenuti datata d-19 t'April, 2010, li permezz taghha nfurmaw lill-qorti li ma kienx hemm aktar htiega li jigu nkarigati periti addizzjonali fir-rigward, (ara fol 138);

"Rat il-verbal tal-istess qorti diversament preseduta datat id-19 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu akkordat lill-konvenuti l-perjodu hemm indikat biex jipprezentaw domandi in eskussjoni lill-perit tekniku in dizamina, (ara fol 139);

"Rat in-nota tal-konvenuti datata l-24 ta' Marzu, 2011, li permezz taghha pprezentaw il-mistoqsijiet in eskussjoni fuq riferiti, (ara fol 144);

"Rat ir-risposti tal-perit tekniku *de quo* datati t-13 ta' Mejju, 2011, (ara fol 151), li essenzjalment ma jimpingux fuq il-konkluzjonijiet tal-istess perit tekniku fuq gia` sintetikament elenkati;

"Rat il-verbal datat l-10 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet talbu li jitrattaw il-kawza kemm bil-miktub kif ukoll orlament;

"Rat id-digriet tal-qorti kif preseduta tal-istess data ndikata fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu laqghet it-talba *de quo* tal-istess;

"Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenuti datata l-25 ta' Settembru, 2012;

"Ezaminat l-atti kollha esebiti;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-konvenuti sintetikament josservaw is-segwenti:

1."Illi r-relazzjoni peritali hi superficjali;

2."Illi l-perit *de quo* naqas milli jezamina x-xhieda migbura;

3."Illi kif ritenut fil-kawza **Calleja vs Mifsud, Qorti tal-Appell datata 19 ta' Novembru, 2001**:

> " … Qorti ma kinitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif seghet tiskarta kull prova ohra" u " … thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa …";

4."Illi minn analizi tax-xhieda prodotta jirizulta sintetikament is-segwenti:

i. “Illi gie erroneament konkluz li s-socjeta` attrici ghad ghandha tircievi elf u hames mitt Lira Maltin, (LM1,500.00), stante li tali konkluzjoni hi bbazata fuq suppozizzjoni;

ii. “Illi ghalkemm il-partijiet ftiehmu li x-xoghol fil-faccata kellu jigi terminat fi zmien tlett (3) gimghat, dam effettivament sitta u tletin (36) gurnata;

iii. “Illi l-konvenuti jichdu l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici li kien hemm ftehim dwar il-kisi u t-tibjid tal-faccata li l-prezz joghla jekk ix-xoghol jiehu aktar minn tlett (3) gimghat;

iv. “Illi effettivament l-istess allegazzjoni hi kontradetta mix-xhieda tal-istess direttur, (ara fol 160);

v. “Illi rigward il-kalkoli peritali in dizamina l-konvenuti jsostnu sintetikament is-segwenti:

a. “Illi l-ammont stabbilit mill-imsemmi perit, (€3,493.50), hu bbazat fuq assunzjonijiet erronei;

b. “Illi rigward l-istima tal-faxxa fil-faccata, jirrizulta li s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas t’ammont li kien gia` gie mhallas mill-konvenuti, (ara fol 161);

c. “Illi s-socjeta` attrici naqset tipprova x-xoghol *extra* u l-materjal uzat;

vi. “Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta li l-perit tekniku *de quo* naqas jivvaluta l-prezz tax-xoghol li sar in eccess tat-tlett (3) gimghat u strah kompletament u simplistikament fuq ic-cifra ndikata lilu mis-socjeta` attrici;

vii. “Illi ghalhekk il-konkluzjoni tal-perit tekniku mhix wahda gusta u ghandha tigi respinta;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-meritu in dizamina jirrigwarda l-analizi tal-prestazzjoni ta’ xoghlijiet prestati mis-socjeta` attrici lill-konvenuti;

“Illi ghalhekk dan jammonta ghal fatt fejn:

> “Lo spiegamento di un’attivita` umana diretta a creare una nuova ricchezza o a procurare una utilita` viene elevate a contenuto di una promessa obbligatoria, nella quale il facere (*faciendi necessitas*) assume autonoma e propria rilevanza …”, (“L’Appalto di Opere Pubbliche, Antonio Cianflone, Ottava Edizione, Guiffre` Editore, p. 3-4);

"Illi s-suespost hu rez pacifiku bejn il-partijiet u ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni fir-rigward;

"Illi l-uniku kontestazzjoni riskontrata tirrigwarda s-segwenti:

1. "Il-ftehim pattwit bejn il-partijiet rigwardanti x-xoghlijiet milquta;

2. "Il-perjodu ta' esekuzzjoni tax-xoghlijiet pattwiti; u

3. "Il-pagamenti dovuti fir-rigward;

"Ikkunsidrat:

"Illi fir-rigward, ir-relazzjoni peritali in dizamina tippekka gravement stante li ma tindirizzax il-kontestazzjonijiet imressqa mill-konvenuti kif abbilment esposti mill-abbli rapprezentant legali tal-istess, u kif fuq sintetikament elenkati;

"Illi ghandu jinghad li l-konkluzjonijiet tal-istess perit tekniku in dizamina ma jissufragawx l-elementi essenzjali probatorji rikjesti skont il-ligi u kemm –il darba din il-qorti tazzarda tistrieh fuq l-istess, tali decizjoni ma tkunx wahda legalment sostenibbli stante li l-edifizzju logiku li fuqha jistrieh l-istess perit hu totalment mankanti kif sottolineat mill-istess konvenuti;

"Illi ghalhekk din il-qorti ma tistax tistrieh fuq tali konkluzjonijiet peritali u qieghda ghalhekk tiskarthom flimkien mar-relazzjoni redatta;

"Ikkunsidrat:

"Illi tenut kont tas-suespost l-analizi tal-konvenuti kif riprodott fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom hi logikament sostenibbli u fattwalment riskontrabbli meta ezaminata fid-dawl tar-rizultanzi processwali in dizamina;

"Ghaldaqstant, din il-qorti ma tqisx li s-socjeta` attrici pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-twegibiet kollha tal-konvenuti kontenuti fin-nota t'osservazzjonijiet taghhom fuq gia` riferita, tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` attrici stante li mhux pruvati skont il-ligi, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici".

Illi minn din is-sentenza appellati s socjeta` rikorrenti Bezzina li talbet ir-revoka taghha u allura l-akkoljiment tat-talbiet taghha; l-appellati rrispondew billi talbu l-konferma tas-sentenza.

**AGGRAVJI**

L-aggravju principali tal-appellanti huwa li l-ewwel Qorti ma ssostanzjatx ir-raguni ghaliex skartat kompletament il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku u cahdet ghal kollox it-talbiet taghha. Fil-waqt li ma tiddisputax il-fatt li l-Qorti ghandha l-fakolta` li twarrab ir-rapport tal-esperti teknici li tinkariga hija stess, tghid ukoll li meta taghmel dan hija ghandha taghti r-ragunijiet taghha ghal dan.

Dwar dan, huwa minnu li l-Kodici tal-Procedura jaghti l-fakolta` lill-Qorti li ma taccettax il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku (Artikolu 681 tal-Kap. 12). Gie infatti ritenut minn din il-Qorti fil-kawza **John Saliba v. Joseph Farrugia** deciza fit-28 ta’ Jannar 2000 illi:-

> “*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta’ fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero’, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta’ l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta’ l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta’ natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta’ espert in materja. B’danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b’lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk ilkonkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta’ natura teknika*”.

F'dan ir-rigward ukoll il-Qrati taghna ghal diversi drabi ghamlu taghhom il-konstatazzjonijiet ta' din il-Qorti fil-kawza **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et (23 ta' Gunju 1967)** fejn qalet illi "*ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet taghha innifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit-tekniku ma jistghux u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghitja b'talba ta' nomina ta' periti addizjonali, jigi skartat facilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu tac-cirkostanzi irragonevoli*". Bl-istess mod il-Qorti (Prim'Awla) ippronunzjat ruhha fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Micallef v. Louis Zammit**, deciza fil-11 ta' Ottubru 2010 u kkonfermata minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2014, u aktar ricentement il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Mugliette et** deciza fit-28 ta' Marzu 2014 u **Giulia Curmi et v. Guzeppi Schembri** deciza fl-24 ta' April 2015.

Il-perit tekniku kkonkluda r-rapport tieghu b'dan il-mod;

> "Il-gbir tal-provi ma sarux f'kontinwita asslouta, u l-esponenti kellu jaghmel ir-relazzjoni tieghi ghab-bazi ta' dak li gie ppresentat lilu. L-attur ma tax stampa cara tal-kont li kien gie ppresentat minnu fic-Citazzjoni u ghalkemm saret konferma ta' certi ammonti kif jirrizulta fil-gbir tal-provi, li ma kienx ghall-fatt li l-konvenut ppresenta kont li kien baghatlu l-attur fejn fieh elenka x-xogholiejt kif ukoll materjal u servizzi ohra, kieku ma kienx ikun hemm indikazzjoni kompleta x'kienu l-pretenzjonijiet tieghu.

> "Jirrizulta lill-esponenti li l-attur ghadd ghandu jiehu s-somma ta' € 3,493.50 bilanc wara li gew ikkonsiderati xi difetti lamentati mill-konvenut u attribwiti ammonti li jidhirlu li ghandhom jitnaqqsu fosthom tnaqqis ghax-xoghol li ma sarx mill-attur, zieda ta' ammont li gie kkalkolat ghab-bazi li ta fix-xhieda tieghu iben l-attur, u materjal li ssemma fil-kont ippresentat mill-attur lill-konvenut, li fieh tnaqqsu dawk l-items li jikkoncernaw il-kostruzzjoni fejn gie assunt li dawn kienu nkluzi fl-istima li nghatat. Hemm ukoll iz-zieda tal-Vat li gie inkluz fis-somma mhallsa ta' Lm 1,600.00 fit-tlett cheques lill-attur liema Vat, dak iz-zmien kienet bir-rata ta' 15%, u Vat li ghadd irrid jithallas, li fl-opinjoni tal-esponent, irid jitqies bir-rata tal-Vat tal-lum iggiffieri bit-18%".

Huwa minnu li kif irrispondew l-appellati ghall-appell, il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku kienu bbazati principalment fuq il-fatt li skont l-istess perit il-verzjoni tal-appellanti kienet aktar verosimili. Madankollu kien l-istess perit li sema' l-provi u allura huwa kien fl-ahjar posizzjoni biex jivvaluta dan. Ghalhekk din il-Qorti fil-waqt li taqbel mal-appellanti illi l-ewwel Qorti ma tat ebda ragunijiet ghaliex irrigettat ir-rapport tekniku, ma tara ebda raguni ghaliex ghandha twarrbu kif ghamlet dik il-Qorti.

F'gudizzju civili l-Qorti trid tiddeciedi fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952); "*il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'*" – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003). Kwindi l-perit tekniku apparti l-konoxxenza teknika tieghu kien ukoll fl-

ahjar posizzjoni biex jivvaluta l-verzjonijiet tal-partijiet u wasal ghall-konkluzjoni tieghu.

Stabbilit dan allura l-Qorti tghaddi biex tezamina r-rapport biex tara l-ammont mitlub mill-appellanti huwiex dovut. Mill-elenku tal-perit tekniku dwar dak dovut (fol 64 et sequitur) din il-Qorti tirriskontra zewg ammonti li fil-fehma taghha ma humiex dovuti. Dawn huma l-mitejn lira Maltin ghall-*faxxa* li kif qalu l-appellati fir-risposta taghhom kien xoghol li sar minnhom u mhux mill-appellanti u l-Vat (Lm229) ghaliex dan l-ammont kien gia inkluz fil-kont li fuqu giet ibbazata t-talba. Mill-bqija, l-ammonti dovuti ghax-xoghol ta' kostruzzjoni u tal-kisi jidhru gustifikati kif del resto kienu gustifikati ghall-perit tekniku. Kwindi l-ammont finali dovut kellu jkun Lm1071 – ekwivalenti ghal 2495.43 euros.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 223 tal-Kodici tal-Procedura l-Qorti se takkolla 2/3 spejjes ghall-appellati u 1/3 ghall-appellanti peress li l-ammont indikat huwa cirka zewg terzi tal-ammont mitlub fic-citazzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi ghalhekk il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka u thassar is-sentenza appellata – tordna lill-appellati jhallsu lis-socjeta` appellanti s-somma ta' 2495.43 euro bl-imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni. L-ispejjez

kollha tal-kawza jithallsu kwantu ghal terz mill-appellanti u terz mill-appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb